Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Petizzjonijiet

2025/XXXX(INI)

4.6.2025

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar ir-riżultat tad-deliberazzjonijiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet matul is-sena 2024
(2025/XXXX(INI))

Kumitat għall-Petizzjonijiet

Rapporteur: Fredis Beleris

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 10

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM 22

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar ir-riżultat tad-deliberazzjonijiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet matul is-sena 2024
(2025/XXXX(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar id-deliberazzjonijiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 10 u 11 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 24 u 227 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) dwar id-dritt ta' ċittadini u residenti tal-UE li jressqu petizzjoni quddiem il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 228 tat-TFUE dwar ir-rwol u l-funzjonijiet tal-Ombudsman Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 44 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea dwar id-dritt ta' petizzjoni quddiem il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra d-dispożizzjonijiet tat-TFUE fir-rigward tal-proċedura ta' ksur u, b'mod partikolari, l-Artikoli 258 u 260 tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 55 u 233(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet (A10-0000/2025),

A. billi wara l-elezzjonijiet Ewropej, li saru bejn is-6 u d-9 ta' Ġunju 2024, u l-kostituzzjoni tal-Parlament il-ġdid fis-16 ta' Lulju 2024, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet organizza l-laqgħa kostituttiva tiegħu fit-23 ta' Lulju 2024;

B. billi l-għan tar-rapport annwali dwar id-deliberazzjonijiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet huwa li jippreżenta analiżi tal-petizzjonijiet riċevuti fl-2024 u tar-relazzjonijiet mal-istituzzjonijiet l-oħra, kif ukoll li jippreżenta stampa preċiża tal-objettivi milħuqa fl-2024;

C. billi fl-2024, il-Parlament irċieva 1 518 petizzjoni, li jirrappreżentaw żieda ta' 4,3 % meta mqabbla mal-1 452 petizzjoni li rċieva fl-2023 u tnaqqis ta' 19,8% meta mqabbla mal-1 217-il petizzjoni li rċieva fl-2022;

D. billi fl-2024, 15 661 utent appoġġjaw petizzjonijiet fuq il-Portal tal-Petizzjonijiet tal-Parlament, tnaqqis sinifikanti meta mqabbel ma' 26 331 fl-2023 u 22 441 fl-2022; billi l-għadd ta' klikks ta' appoġġ naqas ukoll għal 17 745 fl-2024, meta mqabbel ma' 29 287 fl-2023 u 27 927 fl-2022;

E. billi l-għadd totali ta' petizzjonijiet għadu modest meta mqabbel mal-popolazzjoni totali

tal-UE, u dan juri li jeħtieġ li jsiru aktar sforzi biex jiżdied l-għarfien taċ-ċittadini dwar id-dritt tagħhom li jressqu petizzjoni, u dwar l-utilità possibbli tal-petizzjonijiet bħala mezz biex jiġbdu l-attenzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri għal kwistjonijiet li jaffettwaw u jikkonċernaw liċ-ċittadini direttament; billi, fl-eżerċizzju tad-dritt li titressaq petizzjoni, iċ-ċittadini jistennew li l-istituzzjonijiet tal-UE jipprovdu valur miżjud biex tinstab soluzzjoni għall-problemi tagħhom;

F. billi l-kriterji għall-ammissibbiltà tal-petizzjonijiet huma stabbiliti fl-Artikolu 227 tat-TFUE u fl-Artikolu 232(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, u dawn jirrikjedu li l-petizzjonijiet jitressqu minn ċittadin tal-UE jew minn persuna fiżika jew ġuridika li tkun residenti jew li jkollha uffiċċju reġistrat fi Stat Membru u li tkun affettwata direttament minn kwistjonijiet li jaqgħu taħt l-oqsma tal-attività tal-UE;

G. billi, mill-1 518-il petizzjoni mressqa fl-2024, 611 ġew iddikjarati inammissibbli u 31 ġew irtirati; billi l-perċentwal għoli u li qed jiżdied ta' petizzjonijiet inammissibbli fl-2024 (40,25 %) jikkonferma li għad hemm nuqqas mifrux ta' fehim dwar l-ambitu tal-oqsma tar-responsabbiltà tal-UE; billi sabiex jitnaqqas l-għadd ta' petizzjonijiet inammissibbli, għad iridu jsiru sforzi biex jiġi ċċarat aktar l-ambitu tal-oqsma tal-attività tal-UE;

H. billi d-dritt li titressaq petizzjoni quddiem il-Parlament huwa dritt fundamentali taċ-ċittadini tal-UE, li joffri liċ-ċittadini u lir-residenti mekkaniżmu miftuħ, demokratiku u trasparenti biex jindirizzaw direttament lir-rappreżentanti eletti tagħhom; billi din l-għodda essenzjali tagħti s-setgħa liċ-ċittadini li jipparteċipaw b'mod attiv u effettiv fil-ħajja tal-Unjoni; billi permezz tal-petizzjonijiet, iċ-ċittadini tal-UE jistgħu jilmentaw dwar każijiet ta' nuqqas ta' implimentazzjoni tad-dritt tal-UE u jgħinu biex jiġi identifikat ksur tad-dritt tal-UE;

I. billi l-Parlament ilu fuq quddiem nett tal-iżvilupp tal-proċess tal-petizzjonijiet fuq livell internazzjonali u għandu l-aktar proċess tal-petizzjonijiet miftuħ u trasparenti fl-Ewropa, li jippermetti lill-petizzjonanti jipparteċipaw bis-sħiħ fl-attivitajiet tiegħu;

J. billi l-attivitajiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet huma bbażati fuq l-input tal-petizzjonanti u l-informazzjoni li jipprovdu; billi din l-informazzjoni flimkien mal-għarfien espert offrut mill-Kummissjoni, mill-Istati Membri u minn korpi oħra huma essenzjali għall-ħidma tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet; billi l-petizzjonijiet ammissibbli spiss jipprovdu input li huwa siewi għall-ħidma tal-kumitati parlamentari l-oħra; billi, għalhekk, il-petizzjonijiet jista' jkollhom ukoll rwol fil-proċess leġiżlattiv, billi jipprovdu feedback konkret dwar l-impatt tal-politiki tal-UE u jippermettu politiki biex jiġu indirizzati ħtiġijiet emerġenti;

K. billi d-dritt ta' petizzjoni jsaħħaħ il-kapaċità ta' rispons tal-Parlament għall-ilmenti u t-tħassib relatati mar-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-UE u l-konformità mad-dritt ltal-Unjoni fl-Istati Membri; billi l-petizzjonijiet huma għalhekk sors utli ta' informazzjoni dwar istanzi ta' applikazzjoni ħażina jew ta' ksur tad-dritt tal-UE u jippermettu lill-Parlament u lill-istituzzjonijiet l-oħra jivvalutaw it-traspożizzjoni u l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE u l-impatt tiegħu fuq id-drittijiet taċ-ċittadini u r-residenti tal-UE;

L. billi kull petizzjoni tiġi kkunsidrata u eżaminata bir-reqqa, b'mod effiċjenti u

trasparenti; billi l-petizzjonanti kollha għandhom id-dritt li jirċievu tweġiba li tinfurmahom bid-deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà u l-azzjonijiet ta' segwitu meħuda mill-kumitat fi żmien raġonevoli u bil-lingwa tagħhom stess jew bil-lingwa użata fil-petizzjoni;

M. billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet jagħti l-akbar importanza lill-eżami u lid-diskussjoni pubblika tal-petizzjonijiet fil-laqgħat tiegħu; billi l-petizzjonanti għandhom id-dritt li jippreżentaw il-petizzjonijiet tagħhom u spiss jitkellmu waqt id-diskussjoni, u b'hekk jikkontribwixxu b'mod attiv għall-ħidma tal-kumitat; billi fl-2024, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet organizza 8 laqgħat tal-kumitat, minbarra l-laqgħa kostituttiva tiegħu, li fihom ġew diskussi 106 petizzjoni b'106 petizzjonant preżenti u b'parteċipazzjoni attiva billi intervjenew fil-laqgħa;

N. billi s-suġġetti ewlenin ta' tħassib li tqajmu fil-petizzjonijiet imressqa fl-2024 kienu relatati mal-ambjent, id-drittijiet fundamentali, is-suq intern, il-ġustizzja, id-drittijiet tal-konsumatur u s-saħħa;

O. billi meta jadotta l-aġenda tal-laqgħat tiegħu, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet jagħti attenzjoni lill-petizzjonijiet u lis-suġġetti b'livell għoli ta' rilevanza għad-diskussjoni fil-livell tal-UE u lill-ħtieġa li tinżamm kopertura ġeografika bbilanċjata tas-suġġetti skont il-petizzjonijiet riċevuti;

P. billi 82 % tal-petizzjonijiet imressqa lill-Parlament fl-2024 saru permezz tal-Portal tal-Petizzjonijiet tal-Parlament, ċifra kważi identika għat-82,4 % tal-2023, u dan jafferma mill-ġdid il-portal bħala l-aktar mezz użat miċ-ċittadini biex iressqu petizzjonijiet lill-Parlament;

Q. billi l-Portal tal-Petizzjonijiet imġedded awtomatikament jippubblika informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' petizzjonijiet u bidliet fl-istatus, informazzjoni addizzjonali (eż. pajjiż, temi) u sommarji fl-24 lingwa uffiċjali kollha tal-UE; billi matul l-2024, il-petizzjonijiet kollha tħejjew u ġew ippubblikati f'waqthom, fi żmien ftit jiem mill-adozzjoni tagħhom, u t-talbiet interni u esterni kollha biex jingħata appoġġ dwar l-użu u l-kontenut tal-Portal tal-Petizzjonijiet twieġbu fil-ħin u bi kwalunkwe waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE;

R. billi fl-2024 ma saret l-ebda żjara ta' tiftix tal-fatti għal petizzjonijiet li għalihom kienet għaddejja inkjesta, minħabba l-perjodu ta' waqfa minħabba l-elezzjoni Ewropea; billi l-kumitat wettaq il-valutazzjoni ta' segwitu u adotta żewġ rapporti dwar żjara preċedenti ta' tiftix tal-fatti li saret fl-2023; billi għadd ta' żjarat ta' tiftix tal-fatti kienu skedati għall-ewwel nofs tal-2025;

S. billi fl-4 ta' Novembru 2024, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet ipparteċipa fis-seduta ta' konferma tal-Kummissarju nnominat għall-Kummerċ u s-Sigurtà Ekonomika, ir-Relazzjonijiet Interistituzzjonali u t-Trasparenza, Maroš Šefčovič, bħala kumitat mistieden; billi, bi tweġiba għall-mistoqsijiet bil-miktub u għal tweġiba orali imressqa lilu mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet fil-kuntest tas-seduta ta' konferma, Maroš Šefčovič wettaq għadd ta' impenji dwar il-proċess tal-petizzjonijiet u t-trasparenza tal-azzjoni ta' infurzar tal-Kummissjoni;

T. billi skont ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet huwa

responsabbli wkoll għar-relazzjonijiet mal-Ombudsman Ewropew, li tinvestiga l-ilmenti dwar amministrazzjoni ħażina fl-istituzzjonijiet u fil-korpi tal-UE; billi fl-2024, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet żvolġa rwol fundamentali fl-organizzazzjoni tal-elezzjoni tal-Ombudsman Ewropew billi organizza s-seduta ta' smigħ pubbliku tal-kandidati skont l-Artikolu 237 tar-Regoli ta' Proċedura; billi fis-17 ta' Diċembru 2024 Teresa Anjinho ġiet eletta Ombudsman Ewropew għal-leġiżlatura 2024-2029;

U. billi fl-2024, ir-relazzjonijiet bejn il-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-Ombudsman Ewropew baqgħu kostruttivi, kif muri mill-parteċipazzjoni attiva tal-Ombudsman Ewropew preċedenti, Emily O'Reilly, fil-laqgħat tal-kumitat; billi hi ppreżentat ir-rapport annwali tagħha għall-2023 lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet fil-laqgħa tagħha tal-4 ta' Settembru 2024 u ħadet sehem fil-Workshop Annwali dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà fit-2 ta' Diċembru 2024;

V. billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet huwa membru tan-Network Ewropew tal-Ombudspersons, li jinkludi wkoll lill-Ombudsman Ewropew, lill-ombudspersons nazzjonali u reġjonali u korpi simili fl-Istati Membri, lill-pajjiżi kandidati u lil pajjiżi oħra taż-Żona Ekonomika Ewropea, u li għandu l-għan li jippromwovi l-iskambju ta' informazzjoni dwar id-dritt u l-politika tal-UE, u li jikkondividi l-aħjar prattika;

1. Ifakkar ir-rwol fundamentali tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fil-protezzjoni u fil-promozzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini u tar-residenti tal-UE billi jiżgura li t-tħassib u l-ilmenti tal-petizzjonanti jiġu eżaminati f'waqthom, b'mod effettiv u xieraq u li l-petizzjonanti jiġu infurmati dwar l-azzjonijiet meħuda u l-progress li jkun sar fil-petizzjonijiet tagħhom; ifakkar li l-petizzjonijiet kollha jiġu trattati permezz ta' proċess ta' petizzjoni miftuħ, demokratiku u trasparenti;

2. Itenni l-importanza ta' dibattitu pubbliku kontinwu dwar l-oqsma ta' attività tal-Unjoni mmirat biex jinforma liċ-ċittadini dwar l-ambitu tal-kompetenzi tal-Unjoni u l-livelli differenti ta' teħid ta' deċiżjonijiet, sabiex jitnaqqas l-għadd ta' petizzjonijiet inammissibbli; itenni s-sejħa tiegħu, f'dan ir-rigward, għal kampanji ta' sensibilizzazzjoni usa' permezz tal-involviment attiv tas-servizzi tal-komunikazzjoni tal-UE eżistenti fl-Unjoni, biex jgħinu jżidu l-għarfien taċ-ċittadini dwar id-dritt ta' petizzjoni tagħhom, kif ukoll l-ambitu tar-responsabbiltajiet tal-UE u l-kompetenzi tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet;

3. Ifakkar fid-dimensjoni Ewropea tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, li tista' tiġi indirizzata miċ-ċittadini mis-27 Stat Membru kollha dwar kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattati tal-UE u tad-dritt tal-UE; jemmen li l-Kumitat għandu responsabbiltà speċjali li jirrispetta din id-dimensjoni Ewropea u li juri l-valur miżjud tal-għaqda u tal-integrazzjoni Ewropej għaċ-ċittadini;

4. Jirrimarka li l-petizzjonijiet jikkostitwixxu opportunità unika għall-Parlament u għal istituzzjonijiet oħra tal-UE biex jingħaqdu b'mod dirett maċ-ċittadini tal-UE u jżommu djalogu regolari magħhom, b'mod partikolari f'każijiet fejn ikunu affettwati mill-applikazzjoni ħażina jew mill-ksur tad-dritt tal-UE; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' kooperazzjoni mtejba bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali dwar l-inkjesti li jirrigwardaw l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE u l-konformità miegħu; jemmen li tali kooperazzjoni hija kruċjali biex jiġi indirizzat u

solvut it-tħassib taċ-ċittadini dwar l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE u li hija tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-leġittimità demokratika u tal-obbligu ta' rendikont tal-Unjoni; jappella, għalhekk, għall-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-laqgħat tal-kumitat u tweġibiet aktar f'waqthom u dettaljati għal talbiet biex tingħata kjarifika jew informazzjoni mibgħuta mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet lill-awtoritajiet nazzjonali;

5. Ifakkar li l-petizzjonijiet jikkontribwixxu b'mod konsiderevoli għall-eżerċizzju tar-rwol tal-Kummissjoni bħala gwardjan tat-Trattati billi jipprovdu liċ-ċittadini għodda addizzjonali biex jirrapportaw allegat ksur tad-dritt tal-UE; jisħaq li l-kooperazzjoni kostruttiva bejn il-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-Kummissjoni permezz ta' tweġibiet f'waqthom u dettaljati mill-Kummissjoni, li jkunu bbażati fuq eżami bir-reqqa tal-kwistjonijiet imqajma fil-petizzjonijiet, hija essenzjali biex jiġi żgurat it-trattament b'suċċess tal-petizzjonijiet; itenni li dawn it-tweġibiet, li jintbagħtu lill-petizzjonanti, għandhom ikunu ċari, sempliċi u enfatiċi sabiex iwasslu fehim aħjar;

6. Jilqa' l-ħolqien ta' paġna web ġdida tal-Kummissjoni dwar każijiet ta' ksur, it-traspożizzjoni tad-direttivi u d-Djalogu Pilota tal-UE; itenni, madankollu, is-sejħa tiegħu lill-Kummissjoni biex taġġorna regolarment lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet dwar l-iżviluppi fil-proċedimenti ta' ksur u tiżgura li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet ikollu aċċess għall-informazzjoni rilevanti dwar proċeduri ta' ksur u proċeduri Pilota tal-UE li tnedew abbażi tal-petizzjonijiet miftuħin; itenni l-ħtieġa li tittejjeb it-trasparenza tal-proċeduri ta' ksur kif ukoll il-komunikazzjoni mal-petizzjonanti dwar is-sitwazzjoni attwali ta' tali proċeduri u jisħaq li dan ikun ta' benefiċċju għall-proċess tal-petizzjoni; jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tinkludi l-petizzjonijiet fir-reġistru pubbliku tal-Kummissjoni tal-portal tad-deċiżjonijiet ta' ksur, kif ukoll l-inklużjoni ta' link għar-reġistru pubbliku tal-Kummissjoni fil-Portal tal-Petizzjonijiet; jilqa' l-impenn tal-Kummissarju Šefčovič li jgħaqqad aktar ir-reġistru pubbliku tal-Kummissjoni mal-portal tal-petizzjonijiet tal-Parlament; itenni s-sejħa tiegħu lill-Kummissjoni biex tinkludi dawn ir-rekwiżiti kollha fil-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea;

7. Iqis li hija meħtieġa kooperazzjoni aktar attiva bejn l-Istati Membri u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet biex jiġu żblokkati dawk il-petizzjonijiet li jirrikjedu risponsi u reazzjonijiet fil-pront mill-awtoritajiet nazzjonali;

8. Ifakkar li l-bażi tad-data e-Petizzjoni hija għodda interna essenzjali li tippermetti lill-membri tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet jaċċessaw l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex isegwu s-sitwazzjoni attwali ta' kull petizzjoni u jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar it-trattament tal-petizzjonijiet; jinnota li l-bażi tad-data e-Petizzjoni għandha wkoll rwol importanti fil-komunikazzjoni mal-petizzjonanti;

9. Ifakkar fl-impenn tal-Kummissjoni li toħloq għodda tal-IT interistituzzjonali bejn il-Kummissjoni u l-Parlament, bil-għan li jiġu kondiviżi l-informazzjoni u d-dokumenti dwar l-azzjonijiet kollha ta' segwitu meħuda rigward il-petizzjonijiet, bħal proċeduri ta' ksur, proposti leġiżlattivi jew tweġibiet mill-awtoritajiet nazzjonali, u b'hekk tissaħħaħ it-trasparenza u l-effiċjenza tat-trattament tal-petizzjonijiet, li, f'kuntest usa', jikkontribwixxi biex tiżdied il-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet tal-UE u fil-proġett Ewropew;

10. Ifakkar li l-kooperazzjoni mal-kumitati l-oħra fil-Parlament hija essenzjali biex il-petizzjonijiet jiġu ttrattati b'mod komprensiv; jinnota li fl-2024, intbagħtu 30 talba għal opinjoni u 450 talba għal informazzjoni lil kumitati oħra; jinnota li sal-aħħar tal-2024 ġew riċevuti 26 opinjoni; ifakkar li l-petizzjonanti jiġu infurmati meta jkun hemm deċiżjoni li tintalab opinjoni minn kumitati oħra biex jiġu ttrattati l-petizzjonijiet tagħhom; jissottolinja li l-kumitati parlamentari għandhom iżidu l-isforzi tagħhom biex jikkontribwixxu b'mod attiv għall-eżami tal-petizzjonijiet billi jagħtu prova tal-għarfien espert tagħhom biex b'hekk il-Parlament ikun jista' jwieġeb aktar malajr u b'mod aktar komprensiv għat-tħassib taċ-ċittadini;

11. Jemmen li n-network tal-petizzjonijiet huwa għodda utli biex jiġi ffaċilitat is-segwitu għall-petizzjonijiet fil-ħidma parlamentari u leġiżlattiva; jinsab ċert li laqgħat regolari tan-network tal-petizzjonijiet huma kruċjali sabiex tiġi żgurata aktar viżibbiltà għall-attivitajiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet u fehim aħjar tal-ħidma u tal-missjoni tiegħu, kif ukoll biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-kumitati parlamentari l-oħra;

12. Jieħu nota li l-ambjent baqa' l-qasam ta' tħassib ewlieni għall-petizzjonanti fl-2024, b'aktar minn 20 % tal-petizzjonijiet iqajmu kwistjonijiet ambjentali; jisħaq fuq l-importanza li jiġu ssodisfati l-aspettattivi taċ-ċittadini tal-UE rigward il-protezzjoni tal-ambjent, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, tiżgura l-implimentazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam ambjentali;

13. Jisħaq fuq il-kontribut importanti li sar mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, kif żvelat mit-trattament tiegħu ta' għadd ta' petizzjonijiet dwar dan is-suġġett, inkluża l-kunsiderazzjoni tal-Petizzjoni 1056/2016 dwar is-sottomissjoni ta' petizzjonijiet fil-lingwi tas-sinjali nazzjonali; ifakkar is-sessjoni ta' ħidma annwali tat-2 ta' Diċembru 2024 dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà li saret mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet, li ffukat fuq is-sitwazzjoni attwali tal-istrateġija għad-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà 2021-2030;

14. Jissottolinja r-rwol ta' protezzjoni speċifiku li jiżvolġi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet fi ħdan l-UE fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà; jiġbed l-attenzjoni għall-ħidma importanti kontinwa tal-kumitat b'rabta ma' petizzjonijiet li jikkonċernaw kwistjonijiet relatati mad-diżabbiltà;

15. Ifakkar fil-fatt li r-relazzjonijiet mal-Ombudsman Ewropew jirrappreżentaw waħda mir-responsabbiltajiet mogħtija lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet mir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament; jilqa' l-kooperazzjoni kostruttiva tal-Parlament mal-Ombudsman Ewropew, li magħha l-Kumitat għall-Petizzjonijiet jikkondividi l-objettivi li jiġu żgurati t-trasparenza, il-professjonaliżmu u l-integrità tal-istituzzjonijiet tal-UE fil-konfront taċ-ċittadini Ewropej, kif ukoll l-involviment tiegħu fin-Network Ewropew tal-Ombudsmen;

16. Jirrikonoxxi l-kontributi regolari tal-Ombudsman Ewropew għall-ħidma tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet matul is-sena; jemmen bis-sħiħ li l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni jeħtiġilhom jiżguraw segwitu konsistenti u effikaċi għar-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman;

17. Jinnota li, minkejja l-waqfa parlamentari minħabba l-elezzjonijiet Ewropej, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet esprima l-pożizzjoni tiegħu u għamel rakkomandazzjonijiet dwar

kwistjonijiet importanti mqajma fil-petizzjonijiet, inkluż l-adozzjoni ta' żewġ rapporti ta' missjonijiet wara żjarat ta' tiftix tal-fatti;

18. Jilqa' l-adozzjoni tar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' April 2024 dwar il-ġestjoni ta' vetturi ta' merkanzija tqila fil-punti ta' qsim tal-fruntiera abbażi tal-Petizzjoni 0146/2023[1];

19. Jissottolinja li l-Portal tal-Petizzjonijiet huwa għodda essenzjali biex jiġi żgurat proċess tal-petizzjonijiet bla xkiel, effiċjenti u trasparenti; jilqa' t-titjib li sar fuq il-portal għall-benefiċċju tal-petizzjonanti u jisħaq li l-isforzi biex il-portal isir aktar aċċessibbli jridu jitkomplew, inkluż li dan isir aktar aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà; jinnota li l-Portal tal-Petizzjonijiet kien wieħed mill-aktar siti web tal-Parlament li żaruh nies, u b'hekk serva bħala l-ewwel punt ta' kuntatt mal-Parlament għal ħafna ċittadini tal-UE;

20. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni u r-rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Ombudsman Ewropew, lill-gvernijiet tal-Istati Membri kif ukoll lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-kumitati għall-petizzjonijiet tagħhom u lill-ombudsmen tagħhom jew lil entitajiet simili kompetenti.

[1] ĠU C, C/2025/1278, 13.3.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/1278/oj.

NOTA SPJEGATTIVA

Skont l-Artikolu 233(7) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet għandu jirrapporta kull sena dwar ir-riżultat tad-deliberazzjonijiet tiegħu. Ir-rapport għandu l-għan li jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva lejn il-ħidma mwettqa mill-kumitat fl-2024 u jinkludi analiżi statistika tal-petizzjonijiet riċevuti u pproċessati kif ukoll rendikont ta' attivitajiet parlamentari oħra bħall-adozzjoni ta' rapporti u opinjonijiet, l-organizzazzjoni tas-seduti ta' smigħ u r-relazzjonijiet tal-kumitat mal-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE. Ta' min ifakkar li l-ħidma ewlenija tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet tirriżulta mid-dritt li titressaq petizzjoni quddiem il-Parlament Ewropew, li jiġi eżerċitat miċ-ċittadini u r-residenti tal-UE skont l-Artikolu 227 tat-TFUE, u mhijiex marbuta direttament mal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni.

L-2024 reġa' mmarka mument kruċjali għad-demokrazija Ewropea, biċ-ċittadini tal-UE jintalbu jeleġġu Parlament Ewropew ġdid. Bejn is-6 u d-9 ta' Ġunju 2024, kważi 359 miljun ċittadin madwar 27 Stat Membru tal-UE ġew mistiedna jivvutaw biex jaħtru r-rappreżentanti tagħhom għall-Parlament Ewropew. B'parteċipazzjoni ta' kważi 51 % — simili għall-elezzjoni tal-2019, li kienet l-ogħla waħda f'għoxrin sena — iċ-ċittadini semmgħu leħinhom fl-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew. Il-Parlament li għadu kif ġie elett iltaqa' għas-sessjoni kostitwenti tiegħu fis-16 ta' Lulju 2024, meta ħadu l-kariga s-720 Membru ġdid tal-Parlament Ewropew.

Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet kellu l-laqgħa kostitwenti tiegħu fit-23 ta' Lulju 2024 u ħatar lis-Sur Bogdan Rzońca (ECR, PL) bħala President, is-Sa Dolors Montserrat (PPE, ES), bħala l-ewwel Viċi President, is-Sur Fredis Beleris (PPE, EL), bħala t-tieni Viċi President, is-Sur Nils Ušakovs (S&D, LV) bħala t-tielet Viċi President u s-Sa Cristina Guarda (Ħodor/EFA, IT), bħala r-raba' Viċi-President.

Sabiex tiġi ffaċilitata l-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet Ewropej, ġiet osservata waqfa parlamentari mis-26 ta' April sal-15 sa Lulju 2024, li matulha ġew sospiżi temporanjament l-attivitajiet parlamentari regolari. Dan jispjega n-numru mnaqqas ta' rapporti, opinjonijiet, riżoluzzjonijiet, u seduti adottati fl-2024. B'kuntrast ma' dan, iċ-ċittadini u r-residenti tal-UE komplew jeżerċitaw id-dritt ta' petizzjoni tagħhom matul il-waqfa, kif muri mill-fluss kontinwu ta' petizzjonijiet irreġistrati fl-2024.

Analiżi statistika tal-petizzjonijiet riċevuti fl-2024 meta mqabbla mal-2023

Skont l-istatistika, il-Parlament Ewropew irċieva 1 518 petizzjoni fl-2024, li jirrappreżentaw żieda ta' 4,3 % meta mqabbla mal-1 452 petizzjoni mressqa fl-2023 u ta' 19,8 % meta mqabbla mal-1 217-il petizzjoni rreġistrati fl-2022.

L-utenti tal-Portal tal-Petizzjonijiet għandhom il-possibbiltà li jappoġġjaw il-petizzjonijiet. Fl-2024, 15 661 utent aġixxa bħala sostenitur meta mqabbla ma' 26 331 fl-2023 u 22 441 fl-2022. Minn dan isegwi li fl-2024, l-għadd ta' utenti sostenituri tal-petizzjonijiet fil-portal web naqas ħafna meta mqabbel mas-snin preċedenti. L-għadd ta' appoġġ naqas ukoll fl-2024, u laħaq 17 745 meta mqabbel ma' 29 287 fl-2023 u 27 927 fl-2022.

Fl-2024, 3 petizzjonijiet ġew iffirmati b'mod konġunt minn aktar minn ċittadin wieħed. Mit-3

petizzjonijiet iffirmati minn aktar minn ċittadin wieħed, 2 ġew iffirmati minn aktar minn 100 ċittadin; minn dawk iż-żewġ petizzjonijiet, waħda ġiet iffirmata minn aktar minn 10 000 ċittadin.

Format tal-petizzjonijiet

Fl-2024, 82 % tal-petizzjonijiet tressqu permezz tal-Portal tal-Petizzjonijiet filwaqt li kważi 18 % tal-petizzjonijiet tressqu bil-posta. Il-proporzjon ta' petizzjonijiet ippreżentati permezz tal-Portal tal-Petizzjonijiet baqa' prattikament l-istess fl-2024 bħal fl-2023, bil-Portal tal-Petizzjonijiet jibqa' bil-bosta l-aktar mezz użat biex jiġu ppreżentati l-petizzjonijiet taċ-ċittadini lill-Parlament Ewropew.

2024			2023		
Format tal-Petizzjoni	**Għadd ta' petizzjonijiet**	**%**	**Format tal-petizzjoni**	**Għadd ta' petizzjonijiet**	**%**
Portal tal-Petizzjonijiet	1 249	82,3	Portal tal-Petizzjonijiet	1 197	82,4
Ittra	269	17,7	Ittra	255	17,6

Status tal-petizzjonijiet skont is-sena kalendarja[2]

It-tabella li ġejja turi l-istatus tal-petizzjonijiet mill-2003 sal-2024. Jista' jiġi nnotat li fl-2024, maġġoranza kbira ħafna (aktar minn 3/4) tal-petizzjonijiet ingħalqu fi żmien sena wara li ġew riċevuti u eżaminati mill-kumitat. Din ix-xejra li ilha tiġi nnutata, evidenti fir-rapporti annwali mill-2010, turi li l-maġġoranza tal-petizzjonijiet jingħalqu fi żmien sena minn meta jaslu u jiġu eżaminati. B'mod ġenerali, inqas minn 10 % tal-petizzjonijiet li waslu kull sena mill-2003 għadhom miftuħa, ħlief għas-snin reċenti ħafna (2024 u 2023) kif ukoll għall-2016 (15,7 %). Perċentwali żgħar ħafna (bejn 0,2 % u 1,3 %) tal-petizzjonijiet mill-2004 sal-2014 għadhom miftuħin. Il-biċċa l-kbira ta' dawn il-petizzjonijiet miftuħa huma relatati ma' kwistjonijiet ambjentali u ma' proċeduri ta' ksur li għadhom għaddejjin quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jew inkella ma' kwistjonijiet li l-membri tal-kumitat jixtiequ jsegwu mill-qrib. Mill-2012 sal-2024, tressaq għadd importanti ta' petizzjonijiet dwar il-konċessjonijiet fil-bajjiet fl-Italja (bl-ogħla ċifri fl-2016, l-2023 u l-2024) u li għadhom miftuħa b'impatt sinifikanti fuq l-istatistika.

Status tal-petizzjonijiet			
Sena	**Għadd ta' petizzjonijie**	**Petizzjonijiet miftuħa**	**Petizzjonijiet magħluqa**

[2] L-istatistika ġiet stabbilita fit-22.04.2025. Id-data qed tevolvi kontinwament, speċjalment fir-rigward tal-għadd ta' petizzjonijiet miftuħa u magħluqa.

	t				
2024	1 518	324	**21,3 %**	1 194	**78,6 %**
2023	1 452	297	**20,4 %**	1 155	**79,5 %**
2022	1 217	131	**10,8 %**	1 086	**89,2 %**
2021	1 392	133	**9,5 %**	1 259	**90,4 %**
2020	1 573	123	**7,8 %**	1 450	**92,2 %**
2019	1 357	105	**7,7 %**	1 252	**92,3 %**
2018	1 220	97	**7,9 %**	1 123	**92,0 %**
2017	1 271	54	**4,2 %**	1 217	**95,7 %**
2016	1 569	247	**15,7 %**	1 322	**84,2 %**
2015	1 431	62	**4,3 %**	1 369	**95 %**
2014	2 715	34	**1,3 %**	2 681	**98,7 %**
2013	2 891	33	**1,1 %**	2 858	**98,9 %**
2012	1 986	24	**1,2 %**	1 962	**98,8 %**
2011	1 414	12	**0,8 %**	1 402	**99 %**
2010	1 656	14	**0,8 %**	1 642	**99,2 %**
2009	1 924	5	**0,3 %**	1 919	**99,7 %**
2008	1 886	11	**0,6 %**	1 875	**99,4 %**
2007	1 506	15	**1,0 %**	1 491	**99,0 %**
2006	1 021	2	**0,2 %**	1 019	**99,8 %**
2005	1 016	2	**0,2 %**	1 014	**99,8 %**
2004	1 002	2	**0,2 %**	1 000	**99,8 %**
2003	1 315	0	**0,0 %**	1 315	**100,0 %**

Eżitu tal-petizzjonijiet[3]

2024				2023		
Eżitu tal-petizzjonijiet	**Għadd**	**%**		**Eżitu tal-petizzjonijiet**	**Għadd**	**%**
Ammissibbli u Magħluqa	551	36,3		Ammissibbli u Magħluqa	714	49,17
Ammissibbli u Miftuħa	324	21,34		Ammissibbli u Miftuħa	297	20,45
Inammissibbli	611	40,25		Inammissibbli	429	29,54
Irtirati	32	2,1		Irtirati	12	0,83
Mibgħuta lill-KE għal opinjoni	377	24,83		Mibgħuta lill-KE għal opinjoni	575	36,6
Mibgħuta lil korpi oħra għal opinjoni	2	0,13		Mibgħuta lil korpi oħra għal opinjoni	12	0,83
Mibgħuta lil korpi oħra għal skopijiet ta’	735	48,42		Mibgħuta lil korpi oħra għal skopijiet ta’	452	31,13

[3] L-istatistika dwar l-eżitu tal-petizzjonijiet qed tevolvi kontinwament, speċjalment fir-rigward tal-għadd ta’ petizzjonijiet miftuħa u magħluqa. Id-data għall-2024 tniżżlet fit-22 ta’ April 2025.

informazzjoni				informazzjoni		

It-tabelli juru li l-perċentwal ta’ petizzjonijiet iddikjarati bħala inammissibbli fl-2024 huwa ogħla b’mod sinifikanti mill-perċentwal ta’ petizzjonijiet iddikjarati bħala inammissibbli fl-2023. Min-naħa l-oħra, il-perċentwal ta’ petizzjonijiet ammissibbli (36,3 %) li ngħalqu immedjatament billi ngħatat informazzjoni lill-petizzjonant naqas fl-2024 meta mqabbel mal-2023 (49,17 %). Il-perċentwal ta’ petizzjonijiet li nżammu miftuħa fl-2024 baqa’ kważi stabbli (20,45 % fl-2023 meta mqabbel ma’ 21,34 % fl-2024).

Ta’ min jinnota wkoll li fl-2024, kważi kwart (24,83 %) tal-petizzjonijiet ammissibbli ntbagħtu lill-Kummissjoni għal opinjoni, inqas minn fl-2023 meta 36,6 % tal-petizzjonijiet ammissibbli ġew riferuti lill-Kummissjoni.

Fl-aħħar nett, il-perċentwal ta’ petizzjonijiet mibgħuta lil korpi oħra għal opinjoni naqas ukoll fl-2024, meta mqabbel mal-2023.

Għadd ta’ petizzjonijiet skont il-pajjiż

Iż-żewġ tabelli li ġejjin juru, f’termini ta’ ċifri u f’perċentwali, it-tibdil fil-petizzjonijiet skont il-pajjiż mill-2023 sal-2024. Għadd kbir mill-petizzjonijiet imressqa fis-sentejn li huma kienu jikkonċernaw l-UE. Dan ifisser li dawn il-petizzjonijiet iqajmu kwistjonijiet li jikkonċernaw l-UE kollha jew jappellaw għal miżuri komuni biex jiġu implimentati fl-UE kollha. Petizzjonijiet li jikkonċernaw l-UE jistgħu jkunu relatati wkoll ma’ Stat Membru wieħed jew aktar, u għalhekk jiġu rreġistrati kemm taħt l-UE kif ukoll taħt l-Istat(i) Membru/i kkonċernat(i). Dan jispjega għaliex l-ammont ta’ petizzjonijiet li jikkonċernaw l-UE u ta’ dawk relatati biss mal-Istati Membri jaqbeż l-għadd totali ta’ petizzjonijiet imressqa fl-2023 u fl-2024.

Barra minn hekk, ta’ min jisħaq li d-disa’ pajjiżi l-aktar ikkonċernati mill-petizzjonijiet baqgħu l-istess f’dawn is-sentejn, għalkemm il-klassifikazzjoni tal-aktar pajjiżi kkonċernati nbidlet fl-2024 meta mqabbla mal-2023. Il-maġġoranza tal-petizzjonijiet ippreżentati fl-2024 jikkonċernaw lil Spanja - kif kien il-każ fl-2023. Filwaqt li l-għadd ta’ petizzjonijiet li jikkonċernaw lil Spanja u lill-Italja naqas (minn 267 għal 229 u minn 202 għal 170 rispettivament), ġie osservat fluss oppost tal-għadd ta’ petizzjonijiet relatati mal-Ġermanja, b’żieda minn 120 għal 142 petizzjoni mressqa fl-2024.

L-għadd ta’ petizzjonijiet li jikkonċernaw pajjiżi mhux tal-UE kompla jonqos fl-2024, b’125 petizzjoni meta mqabbel ma’ 176 petizzjoni ppreżentata fl-2023.

Fir-rigward tal-pajjiżi li jinsabu fil-qiegħ tal-lista, is-Slovenja, il-Latvja u l-Irlanda huma l-anqas pajjiżi kkonċernati fl-2024, filwaqt li fl-2023 kien il-każ għas-Slovakja, Ċipru u l-Lussemburgu.

2024

Pajjiż Ikkonċernat	Petizzjonijiet	%
L-Unjoni	715	48,1

2023

Pajjiż Ikkonċernat	Petizzjonijiet	%
L-Unjoni	660	45,8

Ewropea		
Spanja	229	15,4
L-Italja	170	11,4
Il-Ġermanja	142	9,5
Ir-Rumanija	80	5,4
Il-Greċja	72	4,8
Franza	46	3,1
Il-Polonja	40	2,7
L-Ungerija	26	1,7
Il-Portugall	23	1,5
Pajjiżi oħra tal-UE	143	9,7
Pajjiżi mhux tal-UE	125	8,7

Ewropea		
Spanja	267	18,5
L-Italja	202	14,0
Il-Ġermanja	120	8,3
Ir-Rumanija	65	4,5
Franza	53	3,7
Il-Greċja	53	3,7
Il-Polonja	53	3,7
Il-Portugall	38	2,6
L-Ungerija	24	1,7
Pajjiżi oħra tal-UE	181	12,5
Pajjiżi mhux tal-UE	188	13

Lingwi tal-petizzjonijiet

Fl-2024 - bħal fl-2023 - tressqu petizzjonijiet bi 22 lingwa mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. L-Ingliż u l-Ispanjol kienu l-aktar lingwi użati kemm fl-2023 kif ukoll fl-2024, bl-Ispanjol ikkonfermat mill-ġdid bħala t-tieni l-aktar lingwa użata għat-tielet sena konsekuttiva. Il-Ġermaniż kien it-tielet lingwa l-aktar użata fl-2024, minħabba t-tnaqqis fil-petizzjonijiet ippreżentati bit-Taljan fl-2024 meta mqabbla mal-2023. It-tabelli juru li l-Ingliż kompla jammonta għal aktar minn 1/4 mit-total tal-petizzjonijiet ippreżentati u li l-Ingliż, l-Ispanjol, il-Ġermaniż u t-Taljan jammontaw għal kważi 3/4 mill-petizzjonijiet riċevuti fl-2024 (73,1 %), bi tnaqqis żgħir meta mqabbla mas-snin preċedenti (77,5 % fl-2023 u 76,2 % fl-2022). Is-Sloven, is-Slovakk u l-Latvjan kienu l-lingwi l-anqas użati fl-2024 filwaqt li fl-2023 dan kien il-każ għas-Slovakk, l-Estonjan u l-Kroat.

2024

Lingwa tal-Petizzjoni	Għadd ta' petizzjonijiet	%
Ingliż	379	25,5
Spanjol	303	20,4
Ġermaniż	225	15,1
Taljan	180	12,1
Grieg	90	6,0
Pollakk	90	6,0
Rumen	66	4,4
Franċiż	62	4,2
Oħrajn	92	6,2
Total	1487	100

2023

Lingwa tal-Petizzjoni	Għadd ta' petizzjonijiet	%
Ingliż	382	26,5
Spanjol	301	20,9
Taljan	224	15,6
Ġermaniż	209	14,5
Franċiż	74	5,1
Pollakk	49	3,4
Grieg	47	3,3
Rumen	44	3,1
Oħrajn	110	7,6
Total	1440	100

Ċittadinanza tal-petizzjonanti

Fir-rigward taċ-ċittadinanza, il-petizzjonijiet ippreżentati miċ-ċittadini Spanjoli rrappreżentaw l-ogħla numru fl-2024, kif kien il-każ fl-2023 u fl-2022. L-għadd ta' petizzjonijiet minn ċittadini Taljani naqas filwaqt li dawk minn petizzjonanti Ġermaniżi żdiedu, il-Ġermanja fl-2024 saret it-tieni l-akbar ċittadinanza li ppreżentat il-petizzjonijiet.

Barra minn hekk, it-tabelli ta' hawn taħt juru żieda sinifikanti fl-għadd ta' petizzjonijiet imressqa minn ċittadini Pollakki u Griegi fl-2024 meta mqabbla mas-sena ta' qabel.

2024

Ċittadinanza bl-ogħla għadd ta' petizzjonanti	Għadd ta' petizzjonijiet	%
Spanja	320	21,2
Il-Ġermanja	265	17,5
L-Italja	220	14,5
Il-Polonja	132	8,7
Il-Greċja	107	7,1
Ir-Rumanija	108	7,1
Franza	62	4,1
Il-Portugall	33	2,2
L-Ungerija	28	1,8
Ċittadinanzi oħra tal-UE	178	11,8
Ċittadinanzi mhux tal-UE	57	3,8

2023

Ċittadinanza bl-ogħla għadd ta' petizzjonanti	Għadd ta' petizzjonijiet	%
Spanja	330	22,9
L-Italja	254	17,6
Il-Ġermanja	246	17,1
Ir-Rumanija	93	6,5
Franza	71	4,9
Il-Polonja	64	4,4
Il-Greċja	62	4,3
Il-Portugall	39	2,7
Il-Belġju	29	2,0
Ċittadinanzi oħra tal-UE	218	15,2
Ċittadinanzi mhux tal-UE	47	3,3

Suġġetti prinċipali tal-petizzjonijiet

It-tabelli ta' hawn taħt jinkludu l-10 suġġetti l-aktar popolari fil-petizzjonijiet. Jidher li l-qasam ta' tħassib ewlieni għall-petizzjonanti jibqa' l-istess fl-2024 bħal fl-2023, jiġifieri l-ambjent. Il-petizzjonijiet relatati mas-suq intern u mad-drittijiet fundamentali jibqgħu fil-quċċata tal-klassifikazzjoni, għalkemm it-tnejn irreġistraw tnaqqis fl-2024 meta mqabbla mal-2023. Huwa importanti li wieħed jinnota li t-tema "Kwistjonijiet Personali", li tinsab fit-tieni post, tkopri l-petizzjonijiet inammissibbli b'mod predominanti. Meta l-petizzjonijiet ammissibbli jaqgħu f'din il-kategorija, tipikament ikunu marbuta ma' tema sekondarja wkoll, li tagħmel it-tema "Kwistjonijiet Personali" inqas rilevanti għall-fini ta' din il-valutazzjoni.

Fost it-temi l-oħra, huwa interessanti li wieħed jinnota li l-għadd ta' petizzjonijiet dwar ir-relazzjonijiet esterni naqas b'mod sinifikanti fl-2024 meta mqabbel mal-2023 (minn 96 għal 63), li jikkonferma x-xejra diġà rreġistrata fl-2023 (minn 126 fl-2022 għal 96 fl-2023). Bl-istess mod, il-kumitat irċieva għadd aktar baxx ta' petizzjonijiet (28) dwar l-affarijiet kostituzzjonali meta mqabbel mat-68 petizzjoni li waslu taħt l-istess tema matul is-sena ta' qabel. B'kuntrast ma' dan, l-għadd ta' petizzjonijiet relatati mal-istituzzjonijiet żdied fl-2024 meta mqabbel mal-2023 (minn 52 għal 90). Fl-aħħar nett, ta' min ifakkar li l-2024 kienet is-sena tal-elezzjonijiet Ewropej, li jispjega parzjalment għaliex l-għadd ta' petizzjonijiet dwar

id-drittijiet tal-vot u l-elezzjonijiet kien ogħla (30) milli fl-2023, meta ġew irreġistrati 9 petizzjonijiet. Fl-aħħar nett, l-għadd ta' petizzjonijiet dwar is-saħħa naqas bi ftit fl-2024 meta mqabbel mal-2023.

2024

L-10 temi l-aktar popolari għall-petizzjonijiet	Għadd ta' petizzjonijiet	%
Ambjent	300	20,1
Kwistjoni Personali	197	13,2
Drittijiet Fundamentali	169	11,4
Suq Intern	166	11,2
Ġustizzja	136	9,1
Dritt tal-Konsumatur	107	7,2
Saħħa	105	7,1
Trasport	99	6,7
Istituzzjonijiet	90	6,1
Soċjetà tal-Informazzjoni u Media	75	5,0

2023

L-10 temi l-aktar popolari għall-petizzjonijiet	Għadd ta' petizzjonijiet	%
Ambjent	308	21,5
Suq Intern	194	13,4
Drittijiet Fundamentali	193	13,4
Kwistjoni Personali	179	12,4
Ġustizzja	167	11,6
Saħħa	119	8,3
Relazzjonijiet Esterni	96	6,7
Dritt tal-Konsumatur	93	6,5
Trasport	93	6,5
Affarijiet Kostituzzjonali	68	4,7

Il-Portal tal-Petizzjonijiet

Żewġ prijoritajiet ewlenin sawru l-iżviluppi tal-Portal tal-Petizzjonijiet fl-2024.

Biex ikun hemm konformità mar-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data, fi tmiem il-leġiżlatura tal-2019-2024 tnieda proċess estensiv ta' arkivjar li jikkonċerna mhux biss il-Portal tal-Petizzjonijiet, iżda wkoll id-dominji rilevanti kollha tal-Europarl. L-implimentazzjoni kienet tirrikjedi għażla tad-data, migrazzjoni, u tħassir bir-reqqa, filwaqt li tinżamm il-funzjonalità mingħajr interruzzjoni tal-applikazzjonijiet tal-IT kollha.

Intlaħaq objettiv intermedju importanti bil-pubblikazzjoni kompletament awtomatizzata u sinkronizzata tal-adozzjonijiet tal-petizzjonijiet, tal-bidliet fl-istatus, tal-informazzjoni addizzjonali (pajjiż, temi) u tas-sommarji fl-24 lingwa tal-UE kollha fuq il-Portal tal-Petizzjonijiet. Dan issostitwixxa l-proċess preċedenti tal-pubblikazzjoni manwali, u tejjeb b'mod sinifikanti l-effiċjenza.

It-tim tal-Portal PETI fl-2024 kompla jiżgura li l-petizzjonijiet kollha ġew ippubblikati fi żmien jiem mill-adozzjoni tagħhom u wieġeb fil-pront għal bosta mistoqsijiet tal-petizzjonanti – bil-lingwi uffiċjali tal-UE kollha – li ġew riċevuti permezz taċ-chatbot u tal-Helpdesk Intelliġenti.

B’mod ġenerali, il-Portal tal-Petizzjonijiet żamm l-approċċ tiegħu ffukat fuq iċ-ċittadini billi saħħaħ il-pedamenti tekniċi, issimplifika l-flussi tax-xogħol u investa f’karatteristiċi diġitali inklużivi.

Relazzjonijiet mal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tibqa’ s-sieħeb naturali tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fl-ipproċessar tal-petizzjonijiet, bħala l-istituzzjoni tal-UE responsabbli biex tiżgura l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE u l-konformità miegħu. Il-kumitat u l-Kummissjoni għandhom livell ta’ kooperazzjoni stabbilit sew li jinżamm b’mod konsistenti. Il-punt ta’ kuntatt prinċipali fil-Kummissjoni huwa s-Segretarjat Ġenerali, li jikkoordina d-distribuzzjoni tal-petizzjonijiet lejn is-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni u jibgħat ir-risposti tal-Kummissjoni lis-segretarjat tal-kumitat. Is-servizzi tal-Kummissjoni jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet meta l-petizzjonijiet jiġu diskussi fil-kumitat abbażi tat-tweġiba bil-miktub tal-Kummissjoni jew ta’ dokumenti oħra li jiġu riċevuti. Filwaqt li l-Kummissjoni żiedet l-isforzi tagħha biex tipprovdi tweġibiet f’waqthom għat-talbiet għal informazzjoni magħmula mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet, il-Kumitat enfasizza li t-tweġibiet għandhom ikunu ċari, sempliċi u enfatiċi, sabiex iwasslu fehim aħjar lill-petizzjonanti.

Ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni intervjenew f’żewġ avvenimenti tal-kumitat. Fl-14 ta’ Frar 2024, il-konsulent għall-Eliminazzjoni Gradwali tal-Metan u l-Fjuwils Fossili, u t-Tranżizzjoni Ġusta Internazzjonali fid-DĠ Enerġija tkellem waqt seduta ta’ smigħ dwar “The responsibilities of fossil fuel companies in the cost of living crisis” (Ir-responsabbiltajiet tal-kumpaniji tal-fjuwils fossili fil-kriżi tal-għoli tal-ħajja), li ffukat fuq ir-rispons tal-UE għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija. Fit-2 ta’ Diċembru 2024, Espert Anzjan dwar id-diżabbiltà mid-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni pparteċipa fil-workshop annwali dwar id-drittijiet tal-persuni b’diżabbiltà.

Wara l-elezzjonijiet Ewropej u t-twaqqif tal-Parlament il-ġdid, il-kummissarji nnominati dehru quddiem il-kumitati parlamentari u ħadu sehem fis-seduti ta’ smigħ biex jippermettu lill-MEPs eletti reċentement jevalwaw il-kompetenza u l-adegwatezza tagħhom għall-pożizzjonijiet tagħhom. F’dan ir-rigward, fl-4 ta’ Novembru 2024, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet ipparteċipa fis-seduta ta’ konferma tal-Kummissarju nnominat għall-Kummerċ u s-Sigurtà Ekonomika, ir-Relazzjonijiet Interistituzzjonali u t-Trasparenza, Maroš Šefčovič, bħala kumitat mistieden.

F’dan il-kuntest, il-kumitat kellu l-opportunità li jistaqsi mistoqsijiet lill-Kummissarju nnominat Šefčovič. Bi tweġiba għat-talba tal-kumitat għal attendenza tal-persunal ta’ livell ogħla tal-Kummissjoni biex jiġi indirizzat aħjar it-tħassib tal-petizzjonanti, il-Kummissarju nnominat Šefčovič iddikjara li l-Kummissarji jew id-diretturi ġenerali jistgħu jipparteċipaw jekk il-petizzjonijiet jiġu indirizzati fi gruppi matul il-laqgħat tal-kumitat.

Barra minn hekk, il-Kumitat enfasizza l-ħtieġa ta’ trasparenza akbar fil-proċeduri ta’ ksur u komunikazzjoni aħjar mal-awturi tas-sitwazzjoni attwali ta’ dawn il-proċeduri. Il-Kummissarju nnominat Maroš Šefčovič enfasizza l-għażla l-ġdida li wieħed ifittex fir-reġistru pubbliku tal-Kummissjoni għall-petizzjonijiet marbuta ma’ każijiet ta’ ksur u wieġħed li jesplora aktar integrazzjoni mal-Portal tal-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew. Huwa impenja ruħu wkoll li jtejjeb it-trasparenza b’paġni web ġodda u faċli biex jintużaw dwar il-

każijiet ta' ksur. Bi tweġiba għas-sejħa mtennija tal-kumitat għal għodda tal-IT interistituzzjonali ġdida bejn il-Kummissjoni u l-Parlament biex jittejjeb l-aċċess għal informazzjoni relatata mal-petizzjonijiet, is-Sur Šefčovič qal li kien lest li jivvaluta l-fattibbiltà tagħha fil-limiti baġitarji.

Relazzjonijiet mal-Kunsill

Il-membri tas-Segretarjat tal-Kunsill jistgħu jattendu l-laqgħat tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet. Sfortunatament fl-2024, bħal fis-snin preċedenti, il-kumitat ma osservax il-parteċipazzjoni tal-Kunsill fid-dibattiti. F'dan ir-rigward, il-kumitat iqis li tkun meħtieġa kooperazzjoni aktar attiva mal-Istati Membri biex jiġu żblokkati dawk il-petizzjonijiet li jirrikjedu risposti u reazzjonijiet fil-pront mill-awtoritajiet nazzjonali. Għalkemm xi awtoritajiet lokali jew reġjonali setgħu pparteċipaw fid-diskussjonijiet dwar il-petizzjonijiet fil-laqgħat tal-kumitati, dan ma seħħx fl-2024.

Relazzjonijiet mal-Ombudsman Ewropew

Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet kompla r-relazzjonijiet ta' ħidma kostruttiva u fit-tul tiegħu mal-uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew, is-Sa Emily O'Reilly, u kkontribwixxa għaż-żieda tal-obbligu ta' rendikont demokratiku tal-istituzzjonijiet tal-UE.

Fl-4 ta' Settembru 2024, is-Sa Emily O'Reilly ippreżentat ir-rapport annwali tagħha għall-2023 lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet. Ir-rapport jiddokumenta l-ħidma tal-Ombudsman dwar it-trattament tal-ilmenti taċ-ċittadini li jikkonċernaw l-amministrazzjoni tal-UE. Fl-2023, l-Ombudsman fetħet 398 inkjesta– li 5 minnhom kienu fuq inizjattiva tagħha stess – b'ilmenti relatati mat-trasparenza u mal-obbligu ta' rendikont li jammontaw għall-akbar proporzjon (34,2 %), filwaqt li t-tul ta' żmien medju għal inkjesta kien ta' anqas minn sitt xhur. Is-Sa O'Reilly saħqet fuq ir-rwol tal-Ombudsman bħala pont bejn l-amministrazzjoni tal-UE u s-soċjetà ċivili u rringrazzjat lill-Kumitat għall-kooperazzjoni eċċellenti.

Fil-laqgħa tiegħu tal-14 ta' Novembru 2024, il-kumitat adotta b'maġġoranza kbira ħafna (31 vot favur, 2 voti kontra u 0 astensjonijiet) ir-Rapport dwar ir-rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fl-2023.

Ta' min jinnota wkoll il-parteċipazzjoni tal-Ombudsman Ewropew, is-Sa O'Reilly, fil-workshop annwali tal-kumitat dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, li sar fit-2 ta' Diċembru 2024.

Fl-aħħar nett, l-elezzjoni tal-Ombudsman Ewropew il-ġdid saret fis-sessjoni parzjali plenarja fi Strasburgu fis-17 ta' Diċembru 2024, wara smigħ pubbliku tal-kandidati organizzat fit-3 ta' Diċembru 2024 fil-Kumitat għall-Petizzjonijiet. Is-smigħ tas-sitt kandidati ammissibbli għall-Uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew kien miftuħ għall-Membri tal-Parlament Ewropew kollha. Wara d-dikjarazzjoni introduttorja li tistabbilixxi l-prijoritajiet tagħhom, il-kandidati wieġbu diversi mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet u minn Membri tal-Parlament Ewropew oħra. Fl-aħħar nett, il-kandidati ngħataw iż-żmien biex jagħmlu l-kummenti ta' konklużjoni.

Relazzjonijiet mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Matul dawn l-aħħar snin, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet bena relazzjonijiet ta' ħidma kostruttivi mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA). Bħal fis-snin preċedenti, dan ikkontribwixxa b'mod attiv għall-programm ta' ħidma annwali tal-QEA għall-2025.

Relazzjonijiet ma' korpi oħra tal-UE

Fit-2 ta' Diċembru 2024, il-Kap tas-settur tal-Istrutturi u l-Mekkaniżmi tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali tkellem fil-"Workshop Annwali dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà" tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, li ffoka fuq "L-Istrateġija għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà 2021-2030: is-Sitwazzjoni Attwali".

Żjarat ta' tiftix tal-fatti

Fl-2024, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet ma organizzax żjarat ta' tiftix tal-fatti minħabba l-perjodu Ewropew ta' vaganzi elettorali. Madankollu, il-kumitat wettaq il-valutazzjoni ta' segwitu u adotta żewġ rapporti dwar iż-żjarat ta' tiftix tal-fatti li saru fl-2023 (ara hawn taħt fit-taqsima dwar ir-rapporti).

Seduti ta' Smigħ Pubbliku

Fl-14 ta' Frar 2024, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet organizza seduta pubblika dwar *"Ir-responsabbiltajiet tal-kumpaniji tal-fjuwils fossili fil-kriżi tal-għoli tal-ħajja"*. L-għan tal-ewwel bord kien li janalizza l-impatt tal-gwerra tal-Ukrajna fuq il-prezzijiet tal-enerġija. Fl-istess kuntest, il-bord iddiskuta l-kriżi tal-għoli tal-ħajja u l-faqar enerġetiku fl-UE, u eżamina r-responsabbiltajiet allegati li l-kumpaniji tal-fjuwils fossili għandhom għad-diffikultajiet soċjali u ekonomiċi li jiffaċċjaw iċ-ċittadini tal-UE. L-għan tat-tieni panel kien li janalizza r-rispons tal-UE għall-kriżi tal-enerġija sabiex jiżgura l-provvista tal-enerġija u jiżgura prezzijiet affordabbli għall-konsumaturi. F'dan il-kuntest, il-bord iddiskuta wkoll il-ħtieġa għal djalogu miftuħ, trasparenti u regolari mal-assoċjazzjonijiet tar-rappreżentanti u mas-soċjetà ċivili, indipendenti mill-industrija tal-fjuwils fossili.

Studji

Fil-laqgħa tiegħu tat-22-23 ta' Jannar 2024, il-kumitat sema' l-preżentazzjoni tal-istudju dwar "Id-diversità lingwistika u kulturali – Il-lingwi minoritarji u minoritizzati bħala parti mid-diversità lingwistika u kulturali Ewropea" ikkummissjonat mid-Dipartiment tal-Politika għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali fuq talba tiegħu.

Barra minn hekk, fil-qafas tal-Workshop Annwali dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà fit-2 ta' Diċemnru 2024, il-briefing li ġej ġie ppreżentat minn Magdi Birtha (Ċentru Ewropew għall-Politika u r-Riċerka dwar il-Protezzjoni Soċjali): "L-Istrateġija tal-UE għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà 2021-2030 - Kisbiet u perspettivi".

Kwistjonijiet ewlenin

Kwistjonijiet ambjentali

Fl-2024, il-kwistjonijiet ambjentali baqgħu għoljin fit-tħassib taċ-ċittadini u l-kumitat tahom attenzjoni kbira. Il-protezzjoni tal-ambjent ġiet diskussa kważi fil-laqgħat kollha tal-kumitat, abbażi tal-petizzjonijiet. Suġġetti bħall-impatti ambjentali ta' proġetti ta' xogħlijiet fi Stati Membri differenti (eż. estensjoni ta' ajruport, awtostrada ppjanata) l-istatus protett tal-ilpup fl-UE, l-allegata qerda ta' sit ta' Natura 2000 fi Franza, proposta għall-istabbiliment ta' park nazzjonali fil-Ġermanja, l-applikazzjoni ta' regolamenti tal-UE dwar il-pestiċidi fi Franza, il-preżervazzjoni tal-art naturali, l-allegat tniġġis ikkawżat minn impjant fl-Italja, l-allegat dannu ambjentali f'park nazzjonali fi Spanja, u t-trattament tal-iskart ġew diskussi fil-kumitat. Il-kumitat eżamina wkoll diversi petizzjonijiet li allegaw influwenza mhux dovuta tal-kumpaniji tal-fjuwils fossili fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE.

Il-Kumitat ikkunsidra wkoll il-Petizzjoni 0798/2024 dwar l-emendar tar-Regolament tal-UE dwar id-Deforestazzjoni, li fiha l-petizzjonant indika l-allegati nuqqasijiet tal-leġiżlazzjoni attwali. Din il-petizzjoni kienet parzjalment il-bażi it-talba għal żjara ta' tiftix tal-fatti li għandha tiġi organizzata fl-2025.

Drittijiet Fundamentali

Fl-2024 ukoll, il-kumitat irċieva għadd kbir ta' petizzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali, inkluż dwar l-allegat ksur tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data u dwar ir-rispett tal-istat tad-dritt u d-demokrazija. Il-kumitat ikkunsidra tmien petizzjonijiet dwar l-istat tad-dritt fi Spanja fil-laqgħa tiegħu ta' Jannar. L-użu tal-intelliġenza artifiċjali u l-protezzjoni tal-privatezza, b'mod partikolari fil-kuntest tal-pornografija tat-tfal, kien ukoll fost is-suġġetti diskussi mill-membri tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet. Barra minn hekk, il-kumitat kompla jirċievi petizzjonijiet dwar l-istat tad-dritt u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem f'diversi pajjiżi terzi – inklużi pajjiżi kandidati – fejn għandha tissaħħaħ is-sensibilizzazzjoni dwar id-dritt ta' petizzjoni taċ-ċittadini Ewropej.

Suq Intern

Il-kumitat indirizza l-aktar il-kwistjonijiet li ġejjin fil-laqgħat tal-kumitat: ir-rikonoxximent tal-kwalifiki għall-għalliema fl-Italja, ir-rikonoxximent tal-ispeċjalizzazzjoni medika fl-UE, il-ktajjen tal-importazzjoni u tad-distribuzzjoni f'Malta, u ;-allegat ksur tad-dritt tal-UE fis-suq tal-assigurazzjoni tal-karozzi Spanjol.

Kwistjonijiet relatati mad-diżabbiltà

Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet jiżvolġi rwol ta' protezzjoni speċifiku fir-rigward tal-konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà (UNCRPD) fit-tfassil ta' politika u fl-azzjonijiet leġiżlattivi fil-livell tal-UE. F'din ir-responsabbiltà, il-kumitat jindirizza petizzjonijiet dwar kwistjonijiet relatati mad-diżabbiltà. Ta' min jisħaq li fl-2024, l-għadd ta' petizzjonijiet dwar id-diżabbiltà (25) baqa' ġeneralment

stabbli meta mqabbel mas-snin preċedenti (22 fl-2023 u 28 fl-2022). Fl-2024, il-kumitat kompla jeżamina petizzjonijiet dwar id-diżabbiltà li jiżvelaw li l-isfidi ewlenin jibqgħu l-aċċessibbiltà, ir-rispett lejn id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, l-aċċess għall-edukazzjoni u l-inklużjoni. Fil-biċċa l-kbira tal-laqgħat tiegħu, il-kumitat ikkunsidra petizzjonijiet li jqajmu kwistjonijiet relatati mad-diżabbiltà. Ingħatat attenzjoni speċjali mill-kumitat għall-petizzjonijiet lill-aċċessibbiltà (għall-edukazzjoni u għall-ispazji pubbliċi) u dwar id-drittijiet tad-diżabbiltà, inkluża l-implimentazzjoni tal-UNCRPD. Il-Petizzjoni 1056/2016 li talbet lill-Parlament Ewropew jippermetti t-tressiq ta' petizzjonijiet fil-lingwi tas-sinjali nazzjonali użati fl-UE ġiet diskussa wkoll fil-kumitat.

Fl-aħħar nett, fit-2 ta' Diċembru 2024, matul il-Ġimgħa tad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà tal-Parlament Ewropew, il-kumitat ospita l-Workshop Annwali tiegħu dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà dwar *"L-Istrateġija għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà 2021-2030: is-Sitwazzjoni Attwali*". L-Ombudsman Ewropew, is-Sa O'Reilly, fetħet il-workshop. Ġiet ippreżentata l-informazzjoni intitolata "Strateġija għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà 2021-2030 - Kisbiet u perspettivi". Abbażi tal-evidenza kwantitattiva u kwalitattiva disponibbli, inklużi l-petizzjonijiet lill-Parlament Ewropew, il-briefing identifika disa' rakkomandazzjonijiet ewlenin biex isir progress fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija. Minkejja l-progress irreġistrat fl-UE, il-petizzjonijiet indirizzati lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet għadhom jiżvelaw l-ostakli persistenti li jiltaqgħu magħhom il-persuni b'diżabbiltà. Il-kelliema mistiedna mill-Kummissjoni Ewropea, mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali u mill-Forum Ewropew dwar id-Diżabbiltà, iddiskutew il-kisbiet tal-Istrateġija s'issa u qasmu r-riflessjonijiet tagħhom dwar oqsma fejn jistgħu jiġu proposti azzjonijiet ġodda.

Rapporti, Mozzjonijiet għal Riżoluzzjonijiet u Opinjonijiet

Fl-2024, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet adotta dan li ġej:

- Fit-18-19 ta' Marzu 2024, il-kumitat adotta r-Rapport ta' Missjoni wara ż-żjara ta' tiftix tal-fatti fil-Katalonja (Spanja) mit-18 ta' Diċembru sal-20 ta' Diċembru 2023.

- Fit-18-19 ta' Marzu 2024, il-kumitat adotta r-Rapport ta' Missjoni wara ż-żjara ta' tiftix tal-fatti fl-Irlanda mit-30 ta' Ottubru sal-1 ta' Novembru 2023.

- Fl-14 ta' Novembru 2024, il-Kumitat adotta Rapport dwar ir-Rapport Annwali dwar l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fl-2023 (2024/2056(INI)), Rapporteur: Alex Agius Saliba.

- Fit-18-19 ta' Marzu 2024, il-kumitat adotta l-Mozzjoni għal riżoluzzjoni qasira skont l-Artikolu 227(2) tar-Regoli ta' Proċedura dwar il-ġestjoni ta' vetturi tqal tal-merkanzija fil-punti ta' qsim tal-fruntiera abbażi tal-Petizzjoni 0146/2023 (2024/2540(RSP)), Rapporteur: Dolos Monserrat (President).

- Fit-22-23 ta' Jannar 2024, il-kumitat adotta l-Mistoqsija Orali dwar "Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-għalliema fl-UE" (2023/3015(RSP)), Rapporteur: Dolors Montserrat.

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li għandha tissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.